MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 4/1999/1

**Anthony Schembri**

**vs**

**Paul Bugeja (u b'digriet tal-Bord tat-2 ta' Mejju 2001 l-atti gew trasfuzi f'isem Grezzju u Carmelo ahwa Bugeja wara l-mewt tal-intimat Paul Bugeja nhar it-30 ta' Novembru 2000)**

Il-Bord:

Ra r-rikors ta' Anthony Schembri;

Illi l-esponent jikri lill-intimat ir-raba denominat 'Ta' Taht il-Bajtar' fil-limiti tar-Rabat, Malta, versu l-qbiela ta' Lira Maltija fis-sena pagabbli kull Santa Marija b'lura, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 ta' Awissu, 1998;

Illi dan ir-raba thalla ma jinhadimx ghal numru ta' snin, u inoltre l-istess raba m'huwiex fonti mportanti ghall-ghixien ta' l-intimat;

Ghalhekk l-esponent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba hawn fuq imsemmi u ghal dan l-iskop jiffissa terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tieghu salv il-likwidazzjoni tal-kumpens talvolta dovut lill-intimati.

Ra r-risposta ta' Paul Bugeja;

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-istess raba' 'de quo' tinhadem u hija bzonnjuza.

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Ra wkoll ir-risposta ulterjuri tal-intimati li tghid:

Illi r-rikorrenti ma ghandu l-ebda 'locus standi iudicio' f'dawn il-proceduri stante li hu ai termini tal-kuntratt tal-akkwist minnu esebit huwa mhux il-propretarju tal-istess ghalqa mertu ta' din il-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess rikorrent ma jirrikava l-ebda dhul finanzjarju dikjarabbli kif jirrizulta mill-Income Tax Returns minnu stess esebiti;

Ra l-atti tar-rikors;

Semgha lill-partijiet dwar l-ammissibilta' tal-eccezzjoni ulterjuri u ra n-noti ta' sottomissjonijiet taghhom;

Ikkonsidra:

Illi dan huwa provvediment dwar l-ammissibilita' o meno tal-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-intimati teknikament wara li inghalqu l-provi u riferibilment ghan-nuqqas ta' *locus standi iudicio* tar-rikorrenti naxxenti mill-fatt illi kif irrizulta waqt is-smiegh tal-provi, huwa mhux is-sid tal-ghalqa li minnha qed jitlob li jkun sgombrat l-intimat.

Illi minkejja li dan il-provvediment huwa limitat ghal dak appena rilevat, id-difensur tal-intimat, fin-nota ta'

sottomissjonijiet tieghu jidher li fehem li din hija sentenza preliminari dwar jekk in effetti r-rikorrenti ghandux jew le l-jedd li jipproponi din il-kawza. Minkejja dan, il-Bord ser jillimita ruhu dwar jekk din l-eccezzjoni tistax tinghad f'dan l-istadju;

Illi fid-29 ta' Novembru 2004, din il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza izda fuq talba tar-rikorrenti kienet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza biex l-istess ikun jista' jaghmel il-kontro-ezami tal-intimat. Wara li sar il-kontro-ezami ta' zewg xhieda u wara li r-rikorrent ghamel kjarifika ghal-premessa tieghu fir-rikors promutur, ir-rikors kien thalla ghal-probabbli cessjoni u in mankanza ta' ftehim ir-rikors kien sussegwentemnt thalla ghal-provi kollha li kien fadal u ghal finali trattazzjoni. Wara dan, r-rikorrenti baqghu iressqu provi ohra u meta finalment ir-rikors thalla ghal provi tal-intimat, l-istess intimat intavola l-eccezjoni ulterjuri in dizamina li ghandha l-origini taghha rintraccabbli f'dokument esebit mir-rikorrenti fl-10 ta' Mejju 2002;

Illi kif inhu ben risaput, l-eccezzjonijiet jistghu jkunu ta' natura dilatorja jew ta' natura perentorja. Filwaqt illi l-eccezzjonijiet dilatorji huma intizi biex jiddelungaw l-andament tal-procedura u allura ghandhom jinghataw *in limine litis* dawk perentorji huma intizi biex jirradikaw l-istess procedura ghaliex jekk jintlaqghu mill-Qorti, dik il-procedura ma tistax titkompla la minn din il-Qorti u anqas minn Qorti ohra. Huwa risaput ukoll illi jekk l-eccezzjoni dilatorja ma tinghatax fil-bidu tal-proceduri ma tistax tinghata fi stadju ulterjuri izda l-istess ma jistax jinghad dwar l-eccezzjoni perentorja. Ghalkemm huwa desiderabbli li eccezzjoni perentorja tinghata fi stadju bikri bizzejjed sabiex ma jkunx lahaq sar hafna xoghol inutili dwar dik il-kawza, dik l-eccezzjoni tista' tinghata fi kwalunkwe stadju (art 732 Kap 12). Fil-kaz in dizamina, l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat hija wahda ta' natura perentorja u dan ghaliex jekk tintlaqa' mill-Bord ifisser illi l-kawza jkollha tieqaf hemm la darba, u jekk ikun il-kaz, jirrizulta li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt li jibda dawn il-proceduri.

Mill-eccezzjoni ta' nuqqas ta' locus standi iudicio jista' jirrizulta illi r-rikorrenti mhux is-sid tal-ghalqa meta l-procedura minnu vantata u cioe' ghar-ripresa tar-raba' fuq il-premessa li r-raba huwa stingat u mhux fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat hija wara miftuha lil sid ir-raba skond kif ravvizat fl-artikolu 4(2) tal-Kap 199. Jispetta imbaghad lill-eccipjent jaghmel dik il-prova li r-rikorrenti mhux sid ir-raba ai termini tal-istess artikolu appena citat. Minn dan jemergi illi din il-procedura ma tistax tissokta sakemm il-Bord jiddeciedi dwar din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Bord jiddikjara l-ammissibilita' tal-eccezzjoni ulterjuri. Stante in-natura tal-eccezzjoni, din il-procedura ghandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------